A.L. 64 ta' l-2005

ATT TA' L-2005 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L- 2005)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm20,000,000 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (L-Ewwel Ħruġ) *Fungibility Issue*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm20,000,000 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:-

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. — Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett. — *Policy* dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

3. (a) Meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap.345. — Negozju fil-Borża ta' Malta.

(b) Fit-8 ta' Awissu, 2005 wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* hi ta' Lm20,000,000. — Somma ta' flus li għandha tinġabar.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm 2.50,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-8 ta' Frar u fit-8 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro rata relattiv għall-perjodu bejn it-23 ta' Marzu,2005 u t-8 ta' Awissu, 2005 jsir fit-8 ta' Awissu, 2005. — Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-8 ta' Awissu, 2021 . — Fidwa ta' Stock.